MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 1419/1990/1

**Anthony Valvo fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tas-soċjetà**
***Bon Tours Travel Limited*, għan-nom u**
**in rappreżentanza tal-istess soċjetà**

**v.**

**Joseph Tabone fil-kwalità tiegħu ta' *chairman* tas-soċjetà**
***Bank of Valletta Limited*, għan-nom u in rappreżentanza tal-istess socjeta`; u b'nota tat-3 ta' Mejju 1991**

**il-P.L. Joseph Zammit assuma l-atti tal-kawża flok iċ-*chairman* Joseph Tabone; u b'nota tal-15 ta' Novembru 1993 Rudolph Xuereb assuma l-atti tal-kawża minflok il-P.L. Joseph Zammit; u b'nota tal-4 ta' Awissu 1994 Paul Gambina għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta assuma l-atti tal-kawża; u b'nota tas-7 ta' April 2008 il-Prokuratur Legali Francesca Scerri assumiet l-atti tal-kawza ghan-nom tal-Bank of Valletta plc minflok Paul Gambina li llum ma ghadux aktar jippossjedi r-rapprezentanza tal-istess socjeta`**

**Il-Qorti:**

**I. IS-SENTENZA APPELLATA**

1. Il-Bank konvenut qed jappella mis-segwenti sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2006 fil-kawza fl-ismijiet premessi. Il-kawza kienet dwar *cheque* li ssarraf mill-Bank minkejja li huwa kien inghata istruzzjonijiet biex l-istess *cheque* ma jsarrfux. Kien hemm ukoll kontro-talba maghmula mill-Bank biex is-socjeta` attrici thallas id-dejn taghha derivanti minn *overdraft facility* lilha koncessa mill-istess Bank. B'din is-sentenza kien gie deciz illi l-bank BOV kien naqas mill-obbligu tieghu lejn is-socjeta` attrici meta din tal-ahhar taghtu struzzjoni ta' *stop-payment* ta' *cheque* izda xorta wahda sarfet ic-*cheque* u hallset lit-trattarju.

2. Is-sentenza, issa appellata, hija din:

"Il-Qorti

"Din il-kawża hija dwar *cheque* illi ssarraf mis-soċjetà konvenuta minkejja ordni mill-attriċi bħala traent biex iċ-*cheque* ma jissarrafx.

"Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi għandha kont kurrenti mal-fergħa ta' Birkirkara tas-soċjetà konvenuta. Fi Frar tal-1990 is-soċjetà attriċi kienet ħarġet *post dated cheque* bid-data tat-28 ta' Frar 1990 fuq dak il-kont għas-somma ta' tlitt elef, sitt mija u tlieta u sebgħin lira u tmienja u disgħin ċenteżmu (Lm3,673.98) favur *Corinthia Palace Hotel*.

"Fit-23 ta' Frar 1990 is-soċjetà attriċi talbet lill-konvenuta bil-miktub biex ma ssarrafx dak iċ-*cheque* (numru N/535141) u *cheque* ieħor (numru N/535142). Il-konvenuta fit-23 ta' Frar 1990 aċċettat bil-miktub illi ma ssarfx dawn iż-żewġ *cheques*.

"Minkejja dawn l-istruzzjonijiet mogħtija lilha u aċċettati minnha, il-konvenuta xorta sarrfet iċ-*cheque* u ħallset lil *Corinthia Palace Hotel* is-somma ta' tlitt elef, sitt mija u tlieta u sebgħin lira u tmienja u disgħin ċenteżmu (Lm3,673.98) fit-2 ta' Marzu 1990. B'dan l-għemil tal-konvenuta s-soċjetà attriċi tilfet tlitt elef, sitt mija u tlieta u sebgħin lira u tmienja u disgħin ċenteżmu (Lm3,673.98).

"Għalkemm b'ittra tat-30 t'April 1990 il-konvenuta ammettiet li żbaljat, għalxejn l-attriċi sejħitilha biex troddilha s-somma ta' tlitt elef, sitt mija u tlieta u sebgħin lira u tmienja u disgħin ċenteżmu (Lm3,673.98). L-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-konvenuta tħallasha tlitt elef, sitt mija u tlieta u sebgħin lira u tmienja u disgħin ċenteżmu (Lm3,673.98), flimkien ma' l-ispejjeż, fosthom dawk ta' tliet ittri bonarji, u l-imgħax mit-2 ta' Marzu 1990.

"Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

"1. l-azzjoni hija "nulla" għax ir-rimedju mitlub ma jingħatax mil-liġi;

"2. iċ-ċitazzjoni wkoll hija "nulla" għax ma hux indikat xi kwalità ta' kawża qiegħda tagħmel is-soċjetà attriċi; u

"3. it-talba tal-attriċi wkoll hija "nulla" għax qabilha ma saritx talba għal dikjarazzjoni.

"Aktar 'il quddiem is-soċjetà konvenuta kompliet ressqet eċċezzjoni ulterjuri illi l-attriċi qiegħda tibni l-pretensjonijiet tagħha fuq it-turpitudni tagħha stess billi ċ-*cheque* illi fittxet li twaqqaf kien inħareġ b'qerq u bi ksur tal-liġi.

"Is-soċjetà konvenuta nqdiet ukoll bil-proċeduri mibdija mis-soċjetà attriċi biex b'rikonvenzjoni tressaq il-kontro-talbiet tagħha. Fissret illi kienet tat faċilitajiet ta' *overdraft* lis-soċjetà attriċi, u l-attriċi issa għandha tagħtiha bilanċ ta' għaxart elef, mija u seba' liri u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm10,107,57) fuq l-*overdraft account*. Billi għalxejn sejħitilha biex tħallas, is-soċjetà konvenuta b'rikonvenzjoni qiegħda titlob illi l-qorti tikkundanna lill-attriċi tħallasha għaxart elef, mija u seba' liri u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm10,107,57) flimkien ma' l-ispejjeż u l-imgħax mit-30 ta' Settembru 1990.

"Għall-kontro-talba s-soċjetà attriċi ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

"1. it-talba tal-konvenuta hija intempestiva għax naqset milli tgħarraf lill-attriċi bil-miktub illi kienet sejra titlob ir-radd tad-dejn, kif irid il-kuntratt relativ: dan juri l-*mala fide* tal-konvenuta li mxiet bi tpattija talli l-attriċi qiegħda tfittex li tħares l-interessi tagħha wara żball tal-konvenuta; u

"2. l-attriċi ma għandhiex tagħti daqskemm qiegħda titlob il-konvenuta għax (a) fis-somma mitluba mill-konvenuta hemm imgħaxijiet b'rata ogħla milli tagħti l-liġi; (b) ma tqisux ħlasijiet magħmula mill-attriċi, u (ċ) is-somma hija wisq ukoll għax trid tqis l-iżbalji li ħadet il-konvenuta u li jissemmew fiċ-ċitazzjoni.

"B'digriet tat-30 ta' Mejju 1991 il-qorti ħatret perit legali u dan eventwalment irrelata fil-31 t'Ottubru 2003 wara li, qabel, kien irrelata dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjetà konvenuta.

"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

"Is-soċjetà attriċi kellha negozju li ġġib it-turisti, u dawn it-turisti kienet talloġġjahom fil-*Corinthia Palace Hotel*. L-attriċi kienet waqgħet lura fil-ħlas lil-lukanda, u għalhekk il-lukanda għarrfitha illi ma kinitx sejra tilqa' aktar turisti jekk ma tħallasx xi ħaġa. Billi kellha turisti li kienu sejrin jaslu, is-soċjetà attriċi ħarġet żewġ *cheques* — fosthom dak li

dwaru saret il-kawża — pagabbli lil-lukanda iżda, billi f'dak il-waqt ma kellhiex flus biżżejjed fil-kont, iżda kienet qiegħda tistenna li ddaħħal xi flus minn terzi, iċ-*cheques* ħarġithom *post dated*, għal data wara li kellha tirċievi hi l-ħlas mingħand terzi, u talbet lil-lukanda ma tippreżentax iċ-*cheques* qabel dik id-data. Iċ-*cheque* li dwaru saret il-kawża kellu d-data tat-28 ta' Frar 1990.

"Ġara iżda illi l-flus li l-attriċi kienet qiegħda tistenna mingħand terzi baqgħu ma waslux, u għalhekk b'ittra tat-23 ta' Frar 1990 is-soċjetà attriċi talbet lill-bank konvenut biex ma jsarrafx iċ-*cheques*. Il-bank wieġeb bil-miktub dakinhar stess; għarraf lill-attriċi illi "*We acknowledge receipt of your letter of the 23/2/90 and as requested have placed a stop on the undermentioned Cheque(s)*", fosthom dak li dwaru saret il-kawża.

"Minkejja dan, iżda, meta l-*Corinthia Palace Hotel* ippreżentat iċ-*cheque*, il-bank sarrfu u iddebita l-kont tal-attriċi bil-valur taċ-*cheque*.
Is-soċjetà attriċi tqiegħdet fi stralċ u, fl-10 t'April 1990, il-bank kiteb lill-istralċjarju biex igħarrfu illi "*we admit that this cheque had been erroneously accepted by the bank and hence we have helped to bring about the injury that our customer has suffered*". L-ittra tkompli tagħti raġunijiet għala, minkejja dan l-iżball u l-istqarrija ta' ħtija, il-bank xorta ma kienx sejjer irodd il-flus.

"Qabel ma nidħlu fil-meritu tal-kawża, inqisu l-eċċezzjonijiet preliminari tal-partijiet u nibdew bl-eċċezzjonijiet ta' nullità mressqa mis-soċjetà konvenuta.

"Is-soċjetà konvenuta qiegħda tgħid illi ċ-ċitazzjoni saret ħażin u ma tiswiex għal dawn ir-raġunijiet:

"1. għax "ir-rimedju mitlub mhux permess mil-liġi";

"2. għax "mhux indikat xi kwalità ta' kawża qed jippromwovi l-attur *nomine*"; u

"3. għax it-talba "m'hijiex preċeduta minn talba għal dikjarazzjoni".

"Fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha s-soċjetà konvenuta fissret illi l-ewwel eċċezzjoni ngħatat "fuq l-iskorta ta' dak li ġie deċiż riċentement mill-onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Cremona *noe vs* Zammit *et*** (3/4/92) fejn *inter alia* ġie ritenut illi l-użanza tal-i*stop payment* ma hijiex użu kummerċjali fil-liġi tagħna għax tmur kontra l-prinċipju tan-negozjabbilità tal-kambjali li għandu jipprevali u li għalhekk ma hemm l-ebda mandat validu fil-liġi u l-bank ma huwiex tenut iwaqqaf il-pagament ta' *cheque* wara *stop payment*."

"Is-sentenza li fuqha l-bank qiegħed iserraħ din l-eċċezzjoni hija dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-3 t'April 1992 *in re* **Daniel Cremona *nomine versus* Nazzareno Zammit *et***. Sentenza oħra aktar reċenti hija dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 t'Ottubru 2000 *in re* **Luigi Portelli *et nomine versus* John Grech *nomine et***.
Fis-sentenza ta' **Cremona** il-qorti, wara li qalet illi r-relazzjonijiet ta' bejn it-traent u l-bank trattarju ta' *cheque* ma għandhomx jitqiesu bħala dawk ta' mandat revokabbli, iżda x'aktarx bħala dawk "ta' għoti ta' ordnijiet mit-traent li għandu r-responsabbiltà fl-aħħar li jħallas u jonora ċ-*cheque*", kompliet tgħid illi:

""L-użanza tal-i*stop payment*, li għalkemm ċertament prattikata, din il-qorti ma tħossx li tista' tikkunsidraha bħala li tammonta għal użu kummerċjali, anke għaliex tmur direttament kontra d-dispożizzjonijiet u n-natura tal-liġi kummerċjali kambjarja nostrana li għandha tipprevali."

"Fis-sentenza ta' **Portelli**, il-Qorti tal-Appell, wara li qalet li taqbel ma' dak li ngħad fis-sentenza ta' **Cremona**, kompliet tagħmel distinzjoni bejn il-każ fejn iċ-*cheque* ikun ippreżentat għall-ħlas mill-benefiċjarju ewlieni u l-każ fejn iċ-*cheque* kien ġie ġirat u ppreżentat għall-ħlas minn ġiratarju.

"Din il-qorti, bir-rispett kollu, ma taqbilx mat-tifsira tal-liġi kif mogħtija f'dawk is-sentenzi.

"*Cheques*, li fil-Kodiċi tal-Kummerċ jissejħu wkoll "mandati fuq bankiera"[1], jixbhu ħafna lill-kambjalijiet fejn it-trattarju huwa bank u, għalkemm għandhom funzjoni ekonomika differenti mill-kambjalijiet, ix-xebh huwa biżżejjed biex dispożizzjonijiet fil-kodiċi li jirregolaw il-kambjalijiet igħoddu wkoll għaċ-*cheques*.

"It-trattarju ta' kambjala ma huwiex marbut fuq il-kambjala, la lejn il-benefiċjarju ewlieni u lanqas lejn il-ġiratarji, sakemm ma jkunx aċċetta l-kambjala. Huwa biss bl-aċċettazzjoni li t-trattarju — issa aċċettant — jieħu fuqu l-obbligu tal-ħlas, kif igħid l-art. 152(1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ:

""**152.** (1) Bl-aċċettazzjoni ta' kambjala, l-aċċettant jieħu fuqu l-obbligu li jħallas l-ammont tagħha, u ma jistax jiġi meħlus minn dan l-obbligu, għalkemm it-traent, jew dak li akkont tiegħu l-kambjala ġiet aċċettata, ikun, mingħajr hu ma kien jaf, falla qabel l-aċċettazzjoni tal-kambjala."

"Lanqas ma hu obbligat it-trattarju lejn il-benefiċjarju jew lejn il-pussessur tal-kambjala biex jaċċettaha. Dan l-obbligu jqum biss jekk ikun wiegħed li jaċċetta, kif igħid l-art. 157 tal-Kodiċi tal-Kummerċ; *a contrario sensu*, fin-nuqqas ta' dik il-wegħda, ma hemm ebda obbligu ta' aċċettazzjoni favur il-benefiċjarju jew il-pussessur:

""**157.** Il-fatt li wieħed iwiegħed li jaċċetta kambjala ma jiswiex bħala aċċettazzjoni, iżda dak li lilu tkun ġiet imwiegħda l-aċċettazzjoni għandu azzjoni għad-danni u għall-imgħaxijiet kontra min wiegħed fil-każ li dan irrifjuta li jaċċetta bħal ma wiegħed."

"Ir-raġuni hija sempliċi: sakemm ma jkunx aċċetta l-kambjala, it-trattarju ma huwiex marbut biha. Għat-trattarju, sakemm għadu ma ntrabatx bl-aċċettazzjoni,

[1] Art. 262(1), Kod. Kumm.

huwa indifferenti jekk iċ-*cheque* kienx negozjat jew le, jekk huwiex fil-fażi "kuntrattwali" jew dik "awtonoma".

"L-obbligazzjoni tat-trattarju hija biss lejn it-traent: jekk it-traent ikun għamillu provvista ta' fondi, it-trattarju jkun obbligat — bis-saħħa tar-relazzjoni, li ma hijiex waħda kambjarja, li jkun hemm bejnu u t-traent mill-provvista tal-fondi — illi jonora l-kambjala u hekk ma jwaqqax il-kreditu tat-traent. Jekk ma jwettaqx din l-obbligazzjoni jista' jkun responsabbli għad-danni, iżda biss lejn it-traent, li miegħu biss, f'dak l-istadju, ikollu relazzjoni ġuridika, u mhux lejn il-benefiċjarju jew il-pussessur tal-kambjala, li magħhom ma għandu ebda relazzjoni fin-nuqqas ta' aċċettazzjoni.

"Dawn il-konsiderazzjonijiet igħoddu wkoll għall-bank meta jkun it-trattarju ta' *cheque*:

""Il traente assume coll'emissione dell'assegno verso il possessore l'obbligo di farlo pagare: gli promette, in altre parole, il fatto del trattario, cioè il pagamento che costui dovrà fare secondo il tenore del titolo. All'atto dell'emissione, e per tutta la vita dell'assegno, debitore principale resta il traente, anzi se l'assegno è al portatore e quindi mancano i giranti, l'unico debitore resta il traente, imperocchè il trattario non assume mai alcuna obbligazione verso il possessore del titolo. Per tenere alto il credito di quella promessa, per pareggiarla in quanto è possibile nella pratica degli affari a una prestazione immediata di denaro, la legge rafforza l'obbligazione assunta dal traente ordinandogli con sanzioni civili e penali di assicurarsi il concorso del trattario prima dell'emissione e colpendolo, ove quel concorso non si verifichi, col rigore cambiario dell'azione di regresso. Tutto il peso della legge preme contro il traente, poichè vi si cercherebbe indarno alcun punto d'appoggio per fondare un'azione del possessore dell'assegno contro il trattario, che non vi appose la sua firma.

"Il credito che il traente ha verso il trattario non passa al prenditore dell'assegno e ai successivi possessori del medesimo, nemmeno nei limiti del suo ammontare, come

non passa al prenditore ed ai giranti di una cambiale l’azione che spetta al traente contro il trattario per l’affare che diede origine all’emissione. Se il trattario non paga, il portatore del titolo deve tornare indietro e rivolgersi contro i giranti e contro il traente, in ispecie contro questo ultimo contro cui la legge lo rimanda con una grande energia di sanzioni civili e penali.

“Si è sostenuto in senso contrario che negoziando l’assegno il traente cede ai prenditore, questi al suo giratario e così di seguito il diritto che spetta al primo contro il trattario, e ciò per spiegare come l’ultimo possessore abbia un diritto di credito contro il trattario. Ma in verità non v’e sull’assegno alcuna parola che possa servire d’appoggio a quella immaginaria cessione: non vi è nemmeno cenno del rapporto fondamentale cui si riferisce il credito del traente, onde il possessore non saprebbe nemmeno a qual titolo appigliarsi per esercitare l’azione che sarebbe spettata al traente. Non v’è nella legge alcun punto d’appoggio per ritenere che coll’assegno il legislatore abbia voluto trasmettere al prenditore il credito del traente: anzi ve ne sono parecchi in senso contrario, poichè la legge ammette che il traente possa disporre della provvista anche dopo la emissione dell’assegno e la dottrina quasi concorde insegna che il fallimento del traente spezza nelle mani del possessore lo strumento datogli per esigere; e son tutti termini incompatibili coll’istituto della cessione, che trasferisce irrevocabilmente il credito ceduto.

“Si è voluto anche considerare il possessore come un terzo verso cui il banchiere si volle obbligare direttamente (art. 1128 cod. civ.). Ma pigliando in considerazione le vere intenzioni dei contraenti, nulla fa credere che il banchiere nel consegnare al cliente un libretto d’assegni abbia voluto obbligarsi verso gli ignoti, incerti possessori dei singoli assegni. Pel banchiere il padrone dell’affare è il cliente, cioè il traente custode del libretto degli assegni, cui presta il servizio di cassa: da lui intende ricevere gli ordini, con lui soltanto vuol regolare i suoi conti. Pel banchiere l’obbligo assunto di pagare al legittimo possessore dell’assegno non è che la prestazione di un

servigio assunto nell’interesse esclusivo del traente, nel quale riconosce il suo creditore. E infatti come può credersi che abbia voluto riconoscere all’incognito portatore dell'assegno dei diritti propri, distinti da quelli del traente, se il portatore può essere lo stesso traente o un suo commesso? Che abbia voluto peggiorare la propria posizione di debitore fino al punto di dover piatire contro tutti i portatori di assegni, fra i quali 1’unico suo debito puo dividersi in molte frazioni? E far conoscere a tutti le ragioni delicate e segrete per cui rifiuta di eseguire gli ordini del suo cliente? Se questa dottrina attecchisse, se si legittimasse questa inframettenza dei terzi nei rapporti delle banche coi loro clienti, quelle farebbero pagare ai clienti così caro l’uso degli assegni, da rendere vana la sollecitudine del legislatore per divulgarne la pratica a vantaggio dell’economia nazionale.

“A mio avviso, la dottrina accolta nel nostro diritto positivo deve riassumersi così: coll’emissione dell’assegno il traente promette al possessore del titolo il pagamento del trattario, senza che costui assuma alcuna obbligazione diretta verso il possessore del titolo; la legge ritiene sufficienti a garantire questo puntuale pagamento le gravi sanzioni civili e penali comminate al traente che ha promesso quel pagamento e non è riescito a farlo eseguire: queste gravi sanzioni assicurano che, una volta emesso l’assegno, non lo priverà della provvista. L’ordine di pagameuto dato dal traente al trattario col mezzo del titolo a favore del suo prenditore o dei giratari produce tutti gli effetti voluti dalla legge e li spiega senza ricorrere al sussidio della cessione o della rappresentauza. Ognuno di essi interviene nell’operazione in nome proprio, salvo i casi di una rappresentanza costituita volontariamente: il traente emette l’assegno, il possessore legittimo lo incassa, il trattario lo paga in nome proprio, ognuno per un rapporto giuridico che resta fuori della circolazione del titolo, e che può essere un mandato, un conto corrente, una vendita, un deposito irregolare, senza

che ciò eserciti alcuna influenza sulla disciplina dell'assegno.[2]"

"Kif turi ċar din is-silta, il-bank għandu relazzjoni biss mal-klijent tiegħu, traent taċ-*cheque*, u mingħand dan biss jieħu l-istruzzjonijiet; lejn il-benefiċjarju, ġiratarji u pussessuri taċ-*cheque* ma għandu ebda obbligazzjoni. Minn dan isegwi illi jekk it-traent igħidlu biex iċ-*cheque* ma jsarrfux, il-bank għandu joqgħod fuq dawk l-istruzzjonijiet, bla ma jidħol fir-raġuni għala ngħataw, u bla ma jindaħal fir-relazzjoni bejn it-traent u l-kreditur taċ-*cheque*, ikun dan il-benefiċjarju ewlieni jew xi ġiratarju.

"Dan igħodd iżjed u iżjed meta, bħal fil-każ tallum, il-bank ikun stqarr illi rċieva l-istruzzjonijiet biex iwaqqaf il-ħlas taċ-*cheque*, għalkemm kull prova oħra illi dawk l-istruzzjonijiet waslu għandu fil-waqt tkun biżżejjed.

"Il-konklużjoni għalhekk hi illi l-bank, sakemm ma jkunx għadu aċċetta ċ-*cheque*, għandu joqgħod fuq l-istruzzjonijiet tal-klijent tiegħu — li miegħu biss, f'dak l-istadju, għandu relazzjoni ġuridika — dwar jekk isarrafx iċ-*cheque* jew le, bla ma għandu jedd jew obbligu li jidħol fir-raġuni għal dawk l-istruzzjonijiet.  Ladarba ma huwiex marbut favur il-benefiċjarju jew il-pussessur taċ-*cheque*, għandu joqgħod fuq l-istruzzjonijiet tal-klijent biex ma jsarrafx iċ-*cheque* u mhux fuq it-talba għall-ħlas ta' min jippreżenta ċ-*cheque*.

"Kull ma jista' jagħmel il-bank, jekk jidhirlu illi l-klijent qiegħed jabbuża, hu li ma jagħtihx *cheque book*.

"Is-soċjetà attriċi, għalhekk, fir-relazzjoni tagħha mal-bank konvenut, kellha jedd tagħtih istruzzjonijiet biex iżomm il-ħlas taċ-*cheque* u l-konvenut kellu obbligazzjoni joqgħod fuq dawk l-istruzzjonijiet.  In-nuqqas tal-konvenut li jwettaq dik l-obbligazzjoni jagħti lill-attriċi jedd ta' azzjoni biex tfittex rimedju.

---

2 Cesare Vivante, *Trattato di Diritto Commerciale*, Milano 1935, Vol.  III, *Le Cose*, § 102, n.1390, pp.  454 *et seqq.*.

“L-ewwel eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

“It-tieni eċċezzjoni tgħid illi ċ-ċitazzjoni ma tiswiex għax “mhux indikat xi kwalità ta’ kawża qed jippromwovi l-attur *nomine*”.

“Ma huwiex meħtieġ, għall-validità tal-azzjoni, illi l-attur jagħti l-isem tal-azzjoni; kien hekk fiż-żmien tal-*legis actiones*, meta kien meħtieġ l-użu ta’ kliem sakramentali, iżda mhux fid-dritt modern. Miċ-ċitazjoni jidher ċar x’inhuma l-premessi u t-talbiet tas-soċjetà attriċi.

“Il-qorti għalhekk tiċħad ukoll it-tieni eċċezzjoni, li tqisha bħala x’aktarx fiergħa.

“It-tielet eċċezzjoni tgħid illi ċ-ċitazzjoni ma tiswiex ukoll għax it-talba “m’hijiex preċeduta minn talba għal dikjarazzjoni”.

“Din l-eċċezzjoni wkoll hija fiergħa. Fil-formola stampata taċ-ċitazzjoni hemm talba ġenerika sabiex il-qorti, qabel ma tiddeċiedi fuq it-talbiet miġjuba fiċ-ċitazzjoni, tagħmel “id-dikjarazzjonijiet neċessarji” u tagħti “l-provvedimenti opportuni”. Għalhekk, safejn hu tassew meħtieġ li ssir xi dikjarazzjoni, kif jidhirlu l-konvenut, it-talba għal dik id-dikjarazzjoni saret.

“It-tielet eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.

“L-eċċezzjoni ulterjuri tgħid illi l-attriċi qiegħda tibni l-pretensjonijiet tagħha fuq it-turpitudni tagħha stess billi ċ-*cheque* illi fittxet li twaqqaf kien inħareġ b’qerq u bi ksur tal-liġi.

“Din l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta hija mibnija fuq il-fatt illi ċ-*cheque* kien inħareġ *post dated* u fuq l-argument illi “l-intenzjoni tad-diretturi tas-soċjetà attriċi kienet ċara u fis-sens illi bil-*messa in scena* tal-ħruġ taċ-*cheque* id-diretturi ngannaw lill-*Corinthia* sabiex l-istess lukanda tkun tista’ tagħtihom aktar servizzi meta dawn id-diretturi għamlu ben ċert li dawn iċ-ċekkijiet qatt ma jkunu jistgħu jissarrfu”.

"Il-qorti iżda taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali illi ma nġiebet ebda prova ta' qerq.

"Kull ma ħareġ mix-xhieda hu dak li qal Joseph Grima, wieħed mid-diretturi tas-soċjetà attriċi, meta xehed quddiem il-perit legali fit-8 talulju 1991:

""Jien għamilt dawn iċ-ċekkijiet wara pressjoni li kelli mingħand il-*Corinthia* biex jitħallsu, u għalhekk għamilniehom *back dated* [*recte*: *post dated*], għax konna nistennew flus jidħlu mingħand debituri tagħna.

"Il-pressjoni li kelna kienet fis-sens li l-*Corinthia* ma kinitx ser taċċettalna turisti li kienu se jaslulna jekk ma nħallsux xi ħaġa. Għidtilhom biex ma jsarrfuhomx qabel id-data u jekk jista' jkun jinfurmawni."

"L-art. 262(2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ igħid illi *cheques* jitħallsu mal-preżentata tagħhom; ma jistax ikollhom żmien għall-ħlas, kif jista' jsir fil-każ ta' kambjalijiet oħra[3]. Għalhekk, jekk ried illi ċ-*cheque* ma jissarrafx qabel ċerta data — meta kien qiegħed jistenna li jaslulu xi flus — it-traent seta' biss iniżżel data fil-ġejjieni bħala d-data tal-ħruġ taċ-*cheque*. Kif sewwa qal il-perit legali fil-para. XXVII tal-ewwel relazzjoni tiegħu, ma hemm xejn illeċitu f'dan u, anzi, jista' jitqies bħala mezz utli biex isir negozju billi jingħata żmien ta' ħlas u, fl-istess żmien, il-kreditur ikollu titolu f'idejh.

"Barra minn hekk, kif jidher mix-xhieda ta' Joseph Grima, il-benefiċjarju kien jaf bis-sitwazzjoni u aċċettaha.

"Ta' min ngħidu wkoll illi, għar-raġunijiet miġjuba fuq, il-bank konvenut kellu biss relazzjoni mas-soċjetà attriċi u mhux mal-benefiċjarju taċ-*cheque*. Ma kellux għalfejn jindaħal f'dik ir-relazzjoni ħlief biex jobdi l-istruzzjonijiet tal-klijent tiegħu dwar jekk għandux iħallas billi jsarraf iċ-*cheque* jew le. Wisq inqas ma kellu l-obbligu jew is-setgħa li jiġġudika fuq l-motivi tal-klijent tiegħu.

---

[3] Art, 123, Kod. Kumm.

“L-eċċezzjoni ulterjuri wkoll hija għalhekk miċħuda.

“Il-perit legali wasal għall-konklużjoni, wara li, bħall-qorti, kien tal-fehma illi l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta kellhom jiġu miċħuda, illi t-talba tas-soċjetà attriċi għandha tintlaqa’, b’dan illi s-soċjetà attriċi ma għandhiex titħallas fi flus iżda s-somma terġa’ titqiegħed fil-kont tagħha.

“Fil-fehma tal-qorti, iżda, is-sitwazzjoni ma hijiex daqshekk sempliċi.

“Ma huwiex kontestat mis-soċjetà attriċi illi kemm meta ħarġet iċ-*cheque* kif ukoll meta fittxet li twaqqaf il-ħlas tiegħu kienet debitriċi tal-*Corinthia Palace Hotel* u għalhekk, bit-tisrif taċ-*cheque*, l-attriċi ħadet benefiċċju għax id-dejn tagħha tħallas jew naqas. Jekk issa, billi l-kont tagħha jerġa’ jiġi ikkreditat bil-valur taċ-*cheque*, terġa’ tkun qiegħda tieħu lura l-flus waqt illi fl-istess ħin id-dejn li tistqarr li kellha ma terzi jibqa’ mħallas, tkun qiegħda tistagħna bla mistħoqq bit-telf tal-bank konvenut, u dan il-liġi ma tridux.

“Għal din ir-raġuni, għalkemm l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta huma kollha ħżiena, it-talba tas-soċjetà attriċi xorta ma tistax tintlaqa’.

“Ngħaddu issa biex inqisu l-kontro-talba għall-ħlas tal-bilanċ tal-*overdraft account*. Is-soċjetà attriċi ressqet l-eċċezzjoni illi t-talba hija intempestiva, għax il-bank konvenut ma għamilx talba għall-ħlas bil-miktub, u illi ma għandhiex tagħti daqskemm qiegħed jitlob il-bank għax (a) fis-somma mitluba hemm imgħaxijiet b’rata ogħla milli tagħti l-liġi; (b) ma tqisux ħlasijiet magħmula mill-attriċi, u (ċ) is-somma hija wisq ukoll għax trid tqis l-iżbalji li ħadet il-konvenuta u li jissemmew fiċ-ċitazzjoni.

“Dwar l-eċċezzjoni ta’ intempestività l-qorti taqbel mal-perit legali illi, ladarba s-sitwazzjoni tas-soċjetà attriċi nbidlet għax qiegħda fi stralċ, il-bank kellu kull jedd illi

jmexxi bla dewmien sabiex iħares l-interessi tiegħu. L-eċċezzjoni ta' intempestività hija għalhekk miċħuda.

"Dwar l-eċċezzjoni illi ma tqisux ħlasijiet magħmula mill-attriċi, il-perit legali, wara li ra l-kontijiet u l-ħlasijiet, ma sabx li kien hemm ħlasijiet illi ma ġewx kreditati. Il-qorti, wara li hi wkoll qieset il-provi, taqbel ma' din il-konklużjoni tal-perit legali u għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni relativa.

"L-aħħar eċċezzjoni tgħid illi biex tasal għall-bilanċ li fadlilha tagħti l-attriċi trid tqis l-iżbalji li ħa l-bank konvenut u li huma msemmija fiċ-ċitazzjoni, *i.e.* il-fatt illi l-bank konvenut sarraf *cheque* illi ma kellux issarraf. Rajna, iżda, illi jekk jitnaqqas il-valur ta' dan iċ-*cheque* mill-bilanċ li fadlilha tagħti l-attriċi, din tkun qiegħda tistagħna bla mistħoqq bit-telf tal-bank konvenut, u dan ma għandux ikun billi *nemini locupletari licet cum aliena iactura*.

"Din l-eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.

"Fadal li nqisu l-eċċezzjoni li tgħid illi l-bank konvenut qiegħed jitlob imgħaxijiet b'rata ogħla milli trid il-liġi. Il-perit legali fil-fatt sab illi, kif ħadem il-kontijiet, il-bank konvenut kien qiegħed jikkapitalizza l-mgħaxijiet kull sitt xhur, qabel ma jsiru dovuti egħluq tnax-il xahar, kif irid l-art. 1142 tal-Kodiċi Ċivili dwar l-anatoċiżmu b'dispożizzjoni li hija ta' ordni pubbliku.

"Din il-qorti hija familjari ma' l-argumenti mressqa mill-bank konvenut, u wkoll approvati fil-ġurisprudenza, illi r-regola kontra l-anatoċiżmu tgħodd fil-każ ta' mutwu iżda mhux ta' *overdraft*. Dawn l-argumenti fl-aħħar mill-aħħar huma mibnija fuq id-differenza bejn kuntratt ta' mutwu u dak ta' kont kurrenti b'faċilità ta' *overdraft*.

"Il-kwistjoni, iżda, fil-fehma ta' din il-qorti, ma hijiex jekk *overdraft* u mutwu humiex differenti — ħaġa li ma hijiex kontestata — iżda jekk id-differenza hijiex hekk fondamentali biex għal wieħed tgħodd regola ta' ordni pubbliku u għall-ieħor dik l-istess regola ta' ordni pubbliku ma tgħoddx.

"Meta tqis illi ż-żewġ kuntratti, effettivament, għandhom il-funzjoni illi jagħtu lil parti s-setgħa li tinqeda bi flus maħruġa mill-parti l-oħra, u aktar u aktar meta tqis illi l-bank għandu s-setgħa illi, *ad nutum*, iżomm il-faċilità ta' *overdraft* u jikkonverti r-relazzjoni f'waħda ta' self, aktar tkun impressjonat bix-xebh milli bid-differenzi bejn iż-żewġ negozji, u ċertament tasal biex tgħid illi d-differenzi ma humiex daqshekk fundamentali illi jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' norma ta' ordni pubbliku f'każ wieħed iżda u mhux ukoll fl-ieħor.

"Barra minn hekk, il-kapitalizzazzjoni tal-imgħax b'mod illi jgħaddi imgħax fuq l-imgħax qabel iż-żmien li trid il-liġi twassal għal rata effettiva ta' imgħax ogħla minn dik nominali, u meta r-rata nominali tkun l-ogħla li tagħti l-liġi r-rata effettiva tkun rata ta' użura, bi ksur ta' dispożizzjoni oħra ta' ordni pubbliku.

"Il-qorti hija familjari wkoll ma' l-argument illi, bil-liberalizzazzjoni tal-imgħaxijiet li jistgħu jesiġu l-banek, ir-*ratio* tan-norma kontra l-anatoċiżmu, għall-inqas fis-settur bankarju, tonqos.

"Dan jista' jkun minnu, iżda l-każ tallum seħħ fil-bidu tal-1990, meta dik il-liberalizzazzjoni kienet għadha ma seħħitx, u għalhekk l-argument anqas għandu saħħa.

"Il-qorti għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni illi l-bank konvenut qiegħed jitlob imgħaxijiet b'rata ogħla milli kienet tagħti l-liġi fiż-żmien relevanti.

"**Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mit-talba tas-soċjetà attriċi billi tiċħadha. Billi iżda l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta kienu ħżiena, l-ispejjeż relativi jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.**

"**Dwar ir-rikonvenzjoni tiddisponi billi tilqa' l-eċċezzjoni illi l-bank konvenut qiegħed jitlob imgħaxijiet b'rata ogħla milli kienet tagħti l-liġi fiż-żmien relevanti iżda tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra. Tagħti lill-bank konvenut żmien ta' xahrejn millum sabiex iħejji *statement* tal-kont meritu tar-**

**rikonvenzjoni b'mod illi l-kapitalizzazzjoni tal-imgħax issir biss kull tnax-il xahar. Tipprovdi dwar il-kontro-talba u dwar l-ispejjeż relattivi wara li jkun ġie ippreżentat u eżaminat dan l-i*statement*.**"

## II. L-APPELL

3. Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata minn din is-sentenza, u fl-5 ta' Dicembru 2006 interponiet appell minnha. Fir-rikors ta' appell is-socjeta` konvenuta bazikament ressqet dawn l-aggravji:

a. Illi l-uzu ta' *stop-payment* ma jikkwalifikax bhala uzu kummercjali fil-ligi taghna ghaliex imur kontra il-principju tan-negozjabilita` tal-kambjala u konsegwentement ir-rimedju mitlub mill-attrici ma jinghatax mill-ligi;

b. Illi l-imghax fuq l-imghax fil-materja ta' *overdraft* huwa uzu kummercjali u huwa distint minn 'mutwu' (loan) fejn ir-rata tal-imghax hija wahda semplici;

c. Illi ma kienx hemm lok li l-ewwel Qorti takkolla nofs l-ispejjez tal-kawza lis-socjeta` konvenuta, issa appellanti.

4. Wara li s-socjeta` konvenuta spjegat dawn l-aggravji dettaljatament, hija talbet lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

"i) Tirrevokaha fejn l-ewwel Onorabbli Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-appellanti u minflok tilqa' tali eccezzjoni;

"ii) Tirrevokaha fejn l-ewwel Onorabbli Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-attrici appelata dwar l-imghaxijiet ghall-kontro-talba tal-appellanti u minflok tichad din l-eccezzjoni;

"iii) Tirrevokaha fejn l-ewwel Onorabbli Qorti akkolat nofs l-ispejjez tal-kawza fir-rigward tat-talbiet attrici lill-appellanti;

"iv) Tikkonfermaha fil-kumplament

"u b'hekk tichad it-talba attrici appellata u tilqa' t-talba tal-konvenuta appellanti kif dedotta, bl-ispejjez kollha, kemm dawk tat-talba attrici, kif ukoll tat-talba in via rikonvenzjonali taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata."

5. Is-socjeta` attrici appellata giet debitament notifikata bir-rikors tal-appell, izda hija ghazlet li la tirrispondi bil-miktub u lanqas ikkontestat l-appell b'xi sottomissjonijiet fl-udjenza tas-7 ta' April 2008 fejn din il-Qorti semghet biss it-trattazzjoni tal-abili difensur tas-socjeta` appellanti.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

6. Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:

Is-socjeta` appellata harget *cheque post dated* ta' Lm3673.98 favur il-Corinthia Palace Hotel bid-data tat-28 ta' Frar 1990. Wara li s-socjeta` appellata harget dan ic-*cheque*, hija kitbet ittra lis-socjeta` appellanti fit-23 ta' Frar 1990 fejn talbitha sabiex taghmel *stop-payment* u ma ssarrafx ic-*cheque*. Fit-23 ta' Frar 1990 is-socjeta` appellanti baghtet ittra lis-socjeta` appellata fejn infurmatha li kienet ghamlet l-i*stop-payment* mitlub. Ziedet tghidilha hekk: "Please advice us when this stop may be removed". Minkejja li s-socjeta` appellata ma tat l-ebda istruzzjonijiet f'dan is-sens mitlub, madankollu s-socjeta` appellanti imbaghad xorta wahda sarrfet u hallset dan ic-*cheque* lit-trattarju, Corinthia Palace Hotel fit-2 ta' Marzu 1990. Fl-10 ta' April 1990 is-socjeta` attrici tqeghdet fi stralc. Il-Bank, f'ittra li kiteb lill-istralcjarju, ammetta li zbalja meta sarraf l-imsemmi *cheque*; izda spjega ghaliex ma kienx lest li jrodd lura l-flus in kwistjoni. Imbaghad saret il-kawza odjerna (kontenenti anke kontro-talba) li giet deciza mill-ewwel Qorti fit-23 ta' Mejju 2006

7. Billi s-socjeta` attrici ma ressqet ebda appell minn din is-sentenza u billi s-socjeta` appellanti qeghdha titlob biss riforma (u mhux revoka) tas-sentenza appellata jirrizulta li din l-ahhar imsemmija sentenza ghaddiet f'gudikat in kwantu ddecidiet:

a) li tichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-bank konvenut;
b) li tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-bank konvenut;
c) li tichad it-talba tas-socjeta` attrici;
d) li tichad l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta.

8. L-ewwel aggravju mressaq mis-socjeta` appellanti jikkonsisti fl-ilment li l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni taghha li kienet fis-sens illi r-rimedju mitlub mis-socjeta` attrici ma jinghatax mil-ligi u dan peress illi l-i*stop-payment* ta' *cheque* ma hux konsidrat li huwa uzu kummercjali fil-ligi taghna ghax imur kontra il-principju tan-negozzjabbilita` tal-kambjali. Dan il-principju ghandu jipprevali u ghalhekk ghaliex ma hemm l-ebda mandat validu fil-ligi, il-bank mhux tenut iwaqqaf il-pagament ta' *cheque* wara li jircievi struzzjonijiet biex jaghmel *stop-payment*.

9. Is-socjeta` appellanti kkritikat lill-ewwel Qorti li bbazat id-decizjoni taghha fuq il-konsiderazzjonijiet li l-bank ghandu relazzjoni 'biss' mat-traent tac-*cheque* u ma hadd aktar u dan minkejja illi l-ewwel Qorti accettat illi ghandhom japplikaw il-principji tal-kambjali f'materja ta' *cheque*s. Is-socjeta` appellanti ssostni illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji kellu jirrizulta l-oppost u cioe` illi, partikolarment f'*cheque*s pagabbli 'to order', il-kuncett ta' *stop-payment* ma jista' jkollu l-ebda rilevanza jew validita`. Is-socjeta appellanti tikkritika s-sentenza appellata li fiha l-ewwel Qorti, ghalkemm irriferiet ghas-sentenzi **Cremona nomine v. Zammit et.** u dik aktar ricenti, **Portelli v. Grech** li espressament isostnu l-eccezzjoni moghtija mill-appellanti, madanakollu esprimiet il-fehma taghha li ma kienetx taqbel mat-tifsira tal-ligi kif imfissra f'dawk is-sentenzi.

10. Din il-Qorti tirriafferma dak li ntqal minnha fl-ahhar imsemmija sentenza **Portelli v. Grech**. Meta t-traent, wara li jkun hareg *cheque to order*, jaghmel *stop-payment* fuq l-akkont bankarju tieghu li minnu trid tithallas is-somma riportata fic-*cheque*, certament ikun qed jostakola l-andament tan-negozju illi tippermetti u trid il-ligi. Kif

sewwa ssostni s-socjeta` appellanti, tali azzjoni tkun qeghda tmur kontra il-principju tan-negozjabilita`. Madanakollu, s-socjeta` appellanti, li qeghda ssostni dan kollu u li taghraf illi ordni ta' *stop-payment* ixekkel l-andament armonjuz tan-negozju kif trid il-ligi, ma tat l-ebda spjegzzjoni plawsibbli ghaliex fil-kaz odjern hija xorta wahda accettat bil-miktub illi taghmel tali *stop-payment*. Din hija kontradizzjoni lampanti ta' dak illi qeghda ssostni l-istess socjeta` appellanti, li wara li kienet irceviet l-istruzzjonijiet biex taghmel *stop-payment* tac-*cheque* in kwistjoni kienet kitbet hekk lis-socjeta` appellata fit-23 ta' Frar 1990:-.

"We acknowledge receipt of your letter of the 23/2/90 and as requested have placed a stop on the undermentioned *cheque*(s).  Please advise us when this stop may be removed."  (ara fol. 11)

Inoltre, fl-ittra datata 10 ta' April 1990, l-istess Bank ghalkemm kiteb li ma kienx lest irodd lura l-import tac-*cheque* lill-istralcjarju, madanakollu skjettament ammetta li l-Bank kien zbalja meta sarraf u c-*cheque* in kwistjoni:
"We admit that this *cheque* had been erroneously accepted by the bank and hence we have helped to bring about the injury that our customer has suffered."  (ara fol. 12).

11. Din il-Qorti ma tistax tinjora l-kontenut ta' dawn l-ittri. Kif intqal, it-tieni ittra fuq imsemmija skjettament tammetti li l-bank kien zbalja meta sarraf ic-*cheque*.  Dana ghaliex permezz tal-ewwel ittra, li biha l-bank accetta li jwaqqaf il-hlas tac-*cheque*, il-bank dahal f'obligazzjoni kontrattwali lejn is-socjeta` appellata u allura galadarba inholoq dan il-vinkolu, il-bank ma setghax imbaghad iwaqqaf unilateralment l-effetti tieghu u jiddeciedi li jonorahx. Ghalhekk, dak li s-socjeta` bankarja qeghda tishaq fuqu rigward in-natura ta' *cheque* u l-allegazzjoni illi *stop-payment* ma jifformax parti mill-uzu kummercjali huwa aspett purament akkademiku ghall-fini ta' din il-kawza li ghandha tigi deciza fuq il-fattispeci konkreti li jirrizultaw mill-provi akkwiziti fil-process.  Il-fatt illi l-bank accetta esplicitament illi jesegwixxi r-rikjesta tas-socjeta` appellata

biex ma jsarrafx ic-*cheque* huwa bizzejjed biex din is-socjeta` jkollha l-bazi guridika mehtiega skond il-ligi sabiex tkun tista’ tipprocedi kontra l-bank fil-kaz li dan jonqos li jonora l-obbligu minnu voluntarjament assunt. Ghal din ir-raguni dan l-ewwel l-aggravju tas-socjeta` appellanti ma jistax jintlaqa’.

12. It-tieni aggravju mressaq mis-socjeta` appellanti jirrigwarda l-kwistjoni jekk *overdraft facility account* bankarju isegwix jew le ir-regoli ta’ imghax applikabbli ghall-mutwi jew self ordinarji. Is-socjeta` appellanti hassitha aggravata peress illi l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-appellati ghall-kontro-talba tal-appellanti li biha eccepiet li l-ammont pretiz fih imghaxxijiet ta’ aktar mill-massimu ta’ 8% permessi fil-ligi. L-ewwel Qorti rriteniet illi meta jkun hemm *overdraft facility*, il-kapitalizazzjoni tal-imghax b’mod li jghaddu imghax fuq imghax qabel iz-zmien li trid il-ligi, hija projbita ghaliex tinvolvi imghaxijiet b’rata oghla milli taghti l-ligi.

13. L-ewwel Qorti ikkunsidrat jekk id-differenza li tezisti bejn kuntratt ta’ kont kurrenti b’facilita` ta’ *overdraft* u dak ta’ self jew mutwu hijiex bizzejjed biex ghal wiehed (mutwu) tghodd regola ta’ ordni pubbliku u ghal iehor dik l-istess regola ta’ ordni pubbliku ma tghoddx. L-ewwel Qorti ddecidiet illi ma hemmx differenzi daqstant fondamentali bejn iz-zewg kuntratti u ghalhekk din ir-regola ta’ ordni pubbliku kif irid Artikolu 1142 tal-Kodici Civili ghandha tghodd ukoll fil-kaz ta’ *overdraft facility* moghtija fil-bidu tal-1990, cioe` qabel il-liberalizzazzjoni tal-imghaxijiet li jistghu jesigu l-banek. B’hekk l-ewwel Qorti ddecidiet li anke fil-kaz ta’ *overdraft*, il-kapitalizzazzjoni tal-imghax b’mod li jghaddi imghax fuq imghax qabel z-zmien li trid il-ligi, hija projbita u hija rata ta’ uzura.

14. Is-socjeta` appellanti ssostni illi Artikolu 1142 ma jivjetax taht piena ta’ nullita` ftehim dwar imghax fuq imghax f’kaz fejn l-obbligazzjoni mhix wahda ta’ mutwu. Is-socjeta` appellanti spjegat ghaliex kuntratt ta’ facilita` ta’ *overdraft* kien fondamentalment differenti minn kuntratt ta’ mutwu. Dan tal-ahhar huwa regolat mir-regoli tal-

Kodici Civili, liema regoli pero` m'humiex applikabbli ghall-kuntratt ta' *overdraft* minn fejn imghaxijiet komposti u interessi oghla mir-rata ta' 8% huma permissibbli skond il-ligi.

15. Din il-Qorti kif issa komposta digia` kellha l-opportunita` tippronunzja ruhha fuq din il-materja fis-sentenza taghha tas-6 ta' Dicembru 2002 fil-kawza bl-ismijiet **Bank of Valletta Limited v. Anna's Trading Company Limited et**. F'din id-decizjoni din il-Qorti kienet osservat illi f'din il-materja il-Kodici tal-Kummerc ma jipprovdi xejn f'dak illi jirrigwarda l-kont kurrent u allura f'dan in-nuqqas, ghandhom jipprevalu l-uzanzi tal-kummerc:

"Huwa uzu tal-kummerc li gie dejjem accettat f'dawn it-tip ta' kuntratti [kuntratt ta' kont kurrenti b'facilita` ta' *overdraft*] li l-bank jghaddi l-imghax tieghu kull sitt xhur u illi jigu debitati l-imghaxijiet fuq l-imghaxijiet. Li t-transazzjoni li qed tigi ezaminata f'din il-kawza hija wahda kummercjali ma huwiex, u ma jistax ikun hemm, dubju dwaru. Mhux biss li l-ftehim tal-kont kurrent huwa wiehed intristikament kummercjali izda l-facilitajiet bankarji fil-kaz odjern inghataw lil socjeta` kummercjali u ghalhekk necessarjament biex taghmel atti tal-kummerc. Bhala obbligazzjoni kummercjali hija ghalhekk fl-ewwel lok regolata bil-ligijiet tal-kummerc "*F'affarijiet tal-kummerc, tghodd il-ligi tal-kummerc:*" (Artiklu 3 Kodici tal-Kummerc Kapitlu 13 tal-Ligijiet ta' Malta). Fejn, pero`, din il-ligi ma tipprovdix skond il-proviso tal-istess Artiklu 3 il-ligi civili tghodd biss <u>fin-nuqqas ta' uzu tal-kummerc, liema uzu ghalhekk jiehu precedenza fuq il-ligi civili</u>. Il-provvedimenti tal-kont kurrent fil-Kodici tal-Kummerc ma jipprovdu xejn fir-rigward ta' din il-materja in ezami u allura, anke qabel il-Kodici Civili, japplikaw l-uzanzi tal-kummerc.

"Kien dan ir-ragunament li wassal lill-Qrati taghna, fuq skorta ukoll ta' pronunzjamenti ta' Qrati u awturi esteri, li jippermettu u li jiddikjaraw legali stipulazzjonijiet maghmula fil-kuntratt ta' kont kurrent (overdraft) anke fejn

il-kreditur kien qed jiddebita l-imghaxijiet b'mod kompost u mhux semplici."

Din il-Qorti ukoll ghamlet referenza ghad-decizjoni tal-Prim Awa tal-Qorti Civili tat-30 ta' April 1947 fl-ismijiet **Edwin Vassallo v. Salvatore Ballucci** fejn fost l-ohrajn gie ritenut:

"[F]il-kuntratt tal-kont kurrent l-interessi jimmaturaw 'ipso jure', il-ghaliex il-korrispondenti fil-kuntratt tal-kont kurrent mhumiex mutwanti, izda reciprokament mandatarji; kif ukoll li l-interessi jistghu jigu akkumulati fuq il-kapital wara zmien konvenut (li kif sejjer jinghad iktar tard, jista' jkun ta' sena, sitt xhur, tliet xhur u anke kull xahar) sabiex jikkostitwixxu kapital gdid (ara Pardessus, Diritto Mercantile, Vol I parte III, tit. III sezzjoni 2, p. 724, 725, u 726, par. 475)".

Dik il-Qorti kienet ukoll asseriet illi
"la darba tkun saret il-kapitalizzazzjoni tal-interessi skaduti, l-indoli tal-interessi f'dawk il-flus kapitalizzati, oggetti tal-obligazzjoni, tispicca, u l-istess flus interessi kapitalizzati jsiru ma kull kapitalizazzjoni, kapital, u bhala tali jigu kunsidrati ghall-effetti guridici sakemm l-obligazzjoni relattiva ma testingwix ruhha".

Din il-Qorti tirribadixxi dak kollu li ntqal fis-sentenza taghha **Bank of Valletta Limited v. Anna's Trading Company Limited et.** u allura taqbel mat-tezi tas-socjeta` appellanti illi r-regoli tal-Kodici Civili f'dan il-kaz ma kienux japplikaw fil-kaz ta' *overdraft facility* u ghalhekk is-socjeta` appellanti mhix tenuta illi tikkapitalizza l-imghax kull tnax-il xahar. Ghall-kompletezza, issir ukoll referenza ghas-sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta' Lulju 2003 u 6 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet **Lombard Bank Malta p.l.c. v. IV's Co. Ltd (gia` Santa Group Limited) bhala debitur principali Ivan Cutajar bhala garanti solidali** u **Bank of Valletta p.l.c. v. Charles u Maria Mizzewgin Muscat**, rispettivament. Illum il-materja hija regolata wkoll b'Avviz Legali 142 tal-2009. Ghal din ir-raguni, t-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti qed jigi milqugh.

16. It-tielet aggravju tas-socjeta` appellanti jirrigwarda l-kap tal-ispejjez. Is-socjeta` appellanti hasset ruhha aggravata in kwantu l-ewwel Qorti akkollat nofs l-ispejjez tal-kawza fir-rigward tat-talbiet attrici peress illi hija sostniet illi l-eccezzjonijiet moghtija minnha kienu kollha hziena. Is-socjeta` appellanti ssostni li l-ewwel eccezzjoni moghtija minnha fin-nota ta' eccezzjonijiet li r-rimedju ma jezistix fil-ligi hija guridikament fondata u konformi mal-gurisprudenza pacifika u kostanti tal-Qrati taghna u ghalhekk ma kien hemm l-ebda lok ghaliex hija kellha tigi akkollata xi parti mill-ispejjez tal-kawza.

17. Billi din il-Qorti ma laqghetx l-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti, ma tarax li tista' b'xi mod tilqa' dan it-tielet aggravju li hu intimament konness mal-imsemmi l-ewwel aggravju. F'dawn ic-cirkostanzi certament ma hemm l-ebda lok li din il-Qorti tbiddel id-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-akkollazzjoni tal-ispejjez in konnessjoni mat-talba tas-socjeta` attrici. Ghal din ir-raguni, it-tielet aggravju qed jigi michud.

18. Ghal dawn il-motivi, tilqa' in parte u fis-sens premess biss, l-appell tas-socjeta` konvenuta u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tas-socjeta` attrici illi l-bank konvenut qieghed jitlob imghaxijiet b'rata oghla milli kienet taghti l-ligi, u minflok tichad din l-eccezzjoni u per konsegwenza tilqa' l-kontro-talba tal-istess socjeta` konvenuta u tikkundanna lill-attur fil-kwalita` tieghu premessa li jhallas lis-socjeta` konvenuta s-somma ta' ghaxart elef mija u seba' liri u sebgha u hamsin centezmu (Lm10,107.57) (illum tlieta u ghoxrin elf hames mija u erbgha u erbghin Euro u tletin centezmu - €23,544.30), bl-imghax kif mitlub fil-kontro-talba; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Dwar il-kap tal-ispejjez:

(i) tordna li l-ispejjez konnessi mat-talba tas-socjeta` attrici jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet in kwantu jirrigwardjaw l-ispejjez tal-ewwel istanza, izda dawk ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` appellanti;

(ii) tordna li l-ispejjez kollha konnessi mal-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta appellanti – kemm dawk tal-ewwel u kemm ukoll dawk ta’ dina l-istanza – ghandhom jithallsu mis-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------